# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 17**

**Avviz numru 698/00/SM**

**Ta' Xbiex Lapins Limited.**

**vs**

**Charles Abela, Kevin Fenech u Oliver Camenzuli fil-kwalita' taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mosta Football Club.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti nomine quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (LM875.00,0) ammont rapprezentanti hlas prezenzjalment minnhom dovut skond skrittura privata datata l-1 ta' Mejju 1999, liema hlas, li jirrapprezenta ri-pagament ta' self maghmul u servizzi ohra rezi lill-Club minnhom gestit u rapprezentat, baqa' ma sarx, minkejja diversi interpellazzjonijiet lilhom maghmula;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 2000 u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha l-konvenut Charles Abela eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi fl-ewwel lok, l-iskrittura redatta bejn il-partijiet hija nulla u kwindi inapplikabbli, stante li dan ma gietx redatta skond l-Istatut tal-Mosta F.C.;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba attrici hija intempestiva peress illi ghadu qatt ma sar l-ebda ftehim dwar il-modalita' ta' ripagament tad-debitu allegatament dovut lill-atturi mill-konvenuti;**

3. **Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fi kwalinkwe kaz, il-pagamenti effetwati jikkostitwixxu novazzjoni tal-kondizzjoni tar-ripagament;**

4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;**

**Tirrileva li l-konvenuti l-ohra nomine Kevin Fenech u Oliver Camenzuli baqghu in konumacia;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **illi Winstin Fenech kien President tal-Mosta Football Club ghall-perjodu bejn l-1993 u l-1998;**

2. **Illi minhabba n-natura tal-kariga tieghu l-imsemmi Fenech kien jeffettwa diversi kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-istess "club" fosthom anke self;**

3. **Illi permezz ta' skrittura privata datata l-1 ta' Mejju ta' l-1999, li fiha deher l-istess Winstin Fenech debitament awtorizzat biex jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici gie stipulat li l-imsemmi "club" hu debitur ta' l-imsemmija socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn sitt mija u tlieta u erbghin Lira Maltin, (LM2,643.00,0), u dan, minghajr interessi;**

4. **Illi ghall-imsemmi "club" deher Joe Gauci, regolarment awtorizzat biex jidher f'din l-iskrittura qua tezorier;**

5. **Illi fl-istess skrittura giet ukoll mifthema l-modalita' tal-pagament f'rati mensili ta' mija u hamsin Lira Maltin, (LM150.00,0), u dan b'effett mill-1 ta' Dicembru ta' l-1999;**

6. **Illi l-imsemmija skrittura kienet regolarment approvata mill-kumitat tal-"club" ikkoncernat, (ara fol 21, 23, 25);**

7. **Illi fil-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru ta' l-1999 u l-1 ta' Mejju tas-sena 2000 l-imsemmi "club" kien hallas biss l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), u konsegwentement sad-data tal-prezentata tal-kawza l-"club"**

**ikkoncernat kellu jghati l-ammont mitlub fl-avviz odjern lis-socjeta' attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Abela u tiddikjara li l-konvenuti Charles Abela, Kevin Fenech u Oliver Camenzuli, ilkoll fil-kwalitajiet taghhom indikati fl-avviz odjern kontumaci, izda wara li ezaminat il-fatti kif fuq sintetikament esposti, tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lil Charles Abela, Kevin Fenech u Oliver Camenzuli fil-kwalita' taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mosta Football Club ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont mitlub ta' tmin mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (LM875.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**